MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2013

Numru. 639/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**vs**
**Emanuel Falzon**

**Kumpilazzjoni Nru: 639/2010**

## Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emanuel Falzon, ta' 48 sena, iben Carmelo u Catherine nee' Abela, imwieled Zabbar nhar il-31 ta' Jannar, 1962 u residenti fil-fond Blokk C5, Flat 5, Triq is-Summiena, Fgura u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 112462 (M).

Akkuzat talli fit-28 ta' Mejju, 2010 ghal habta ta' 16:20hrs, gewwa Trejqet il-Mithna, Zabbar, volontarjament hebb ghal persuna ta' Charlot Falzon li huwa n-neputi tieghu u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni ta' delitt, liema delitt ta' ferita

gravi ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

U aktar fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal persuna ta' Charlot Falzon li huwa n-neputi tieghu bi strument li jaqta' u bil-ponta u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skond ma iccertifikat Dr.Agnes Cachia mill-Isptar Mater Dei;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellha fil-pussess tieghu arma li taqta u bil-pont minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied,

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni fuq indikati.

Il-Qorti, giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 (C), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

- 41(1)(a), 214, 216, 217, 218 u 222 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 221 u 222 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 18 u 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 221 u 222 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- 3, 4, 5, 41, 51, 55(a), 56, 57 60 u 61 U L-Iskeda III tat-Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 338(dd), 339(1)(c) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 17, 23, 30, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi titkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.
Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh bejn diversi membri tal-familja Falzon u dan fi sfond ta' storja ta' disgwid familjari li qed iwassal ghal diversi proceduri gudizjarji kemm ta' natura civili kif ukoll penali.

Illi nhar it-28 ta' Mejju 2010 kien hemm smiegh fi proceduri li kienu pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Jidher li f'dawn il-proceduri fuq naha hemm l-imputat u/jew missieru u fuq naha ohra hemm hu l-imputat u cioe George Falzon. Waqt dak is-smiegh George Falzon agixxa b'mod inkorrett fil-konfront ta'l-imputat u/jew missieru tant li George Falzon kellu jigi allontanat mill-awla fejn kienet qed tinstema' l-kawza.

Illi jirrizulta li t-tifel ta' l-imputat, Neville Falzon, kien qieghed temporanjament jghix f'garaxx li kien jifforma parti mill-kumpless ta' bini li dwaru kien hemm kontestazzjoni bejn il-familjari Falzon u li apparentement kien parti mill-mertu tal-proceduri civili fuq imsemmija.

Illi dak in-nhar tat-28 ta' Mejju 2010, wara s-smiegh tal-kawza civili l-imputat, missieru Carmelo u ibnu Neville telqu mill-Qorti u marru fir-residenzi rispettivi taghhom. F'xi hin wara nofs in-nhar Neville Falzon cempel lil

missieru biex jinfurmah li George Falzon kien qala xi gate li kien hemm fid-drive tal-garaxx complex imsemmi. L-imputat da parti tieghu cempel lil missieru (Carmelo) u flimkien (l-imputat u missieru) marru l-ghassa biex jirrappurtaw l-akkadut u biex jitolbu l-assistenza tal-pulizija meta jmorru biex jaraw x'kien ghamel George Falzon; huma talbu l-assistenza tal-pulizija biex jevitaw li jinqalghu incidenti ulterjuri ma' George Falzon u uliedu.

Illi fil-fatt zewg pulizija, wiehed miinhom PS192 Romano Godano, akkompanjaw lill-imputat u missieru, li maghhom kien hemm ukoll Maria Falzon (oht l-imputat). Waslu fuq il-post u Neville Falzon hareg barra biex laqa' lil missieru u lill-familjari l-ohra tieghu. Il-pulizija taw struzzjonijiet biex l-imputat, Carmelo, Neville u Maria Falzon jibqghu barra u ma jidhlux fill-kumpless tal-garaxxijiet; huma hekk ghamlu u fil-fatt baqghu barra fil-waqt li dahlu l-pulizija biex ikellmu lil George Falzon li mieghu kien hemm uliedu Charlot u Elvis; minn fejn kienu qeghdin l-imputat missieru ibnu u ohtu setghu jaraw x'kien qed jigri gewwa hdejn il-garaxxijiet.

Illi ftit wara li dalu l-pulizija jidher li George Falzon u uliedu qabdu argument mal-pulizija tant li l-pulizija gew agredieti; Charlot Falzon qabad xi oggett f'idejh u hareg jigri 'l barra fejn kien hemm l-imputat u l-membri l-ohra tal-familja Falzon. Charlot Falzon baqa' sejjer ghal fuq Neville Falon, gholla l-oggett li kellu f'idejh u kien ser jaghti daqqa bih fuq ras Neville Falzon. Meta ra hekk l-imputat li dak il-hin ukoll kellu xi haga f'idejh ta daqqa lil Charlot Falzon f'qaddu biex izommu milli jagredixxi lil ibnu Neville.

Illi dawn il-fatti mhux kontestati; fil-verita l-unika kunflitt li hemm fil-provi huwa dwar x'kien l-oggett li kellhom f'idejhom Charlot Falzon u l-imputat. Ghal dak li jirrigwarda l-oggett li kellu f'idejh Charlot Falzon fil-waqt li l-imputat jirreferi ghal hadida, u Carmelo Falzon jirreferi ghal siggu, Neville Falzon, Maria Falzon u PS192 Godano isemmu balavostra ta'l-injam. Fil-verita ai fini tal-proceduri odjerni huwa irrielavnti jekk Charlot Falozn kellux balavostra, hadida jew siggu (ghalkemm il-Qorti hija konvinta li huwa kellu balavostra ta'l-injam) f'idejh ghaliex

dak li hu determinanti hu li Charlot Falzon kien ser jagredixxi lil Neville Falzon b'oggett li seta' jweggaw.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-oggett li kellu f'idejh l-imputat, l-kwistjoni tassumi ferm aktar importanza. L-imputat jghid li hu kellu c-cwievet tal-karozza f'idejh; l-istess haga jghidu ohtu Maria u ibnu Neville; missieru Carmel jghid li ma kellu xejn f'idejh. Charlot Falzon, il-persuna li qalet id-daqqa, u George Falzon ma xehdux f'dawn il-proceduri pero Charlot lill-Ispettur Fleri qallu li l-imputat kellu sikkina. Elvis Falzon lill-Ispettur Fleri qallu li l-imutat kellu sikkina; meta kien qed jixhed qal li kellu flick knife mhux mus pero mbaghad fil-kontorzami qal li mhux flick knife imma xafra li taqta' l-karti. Ghandu jigi rilevat li Elvis Falzon ma tantx kien xhud kredibbli ghaliex diversi drabi qal affarijiet li huma kompletamenti kontradetta minn fatti ppruvati inkonfutabbilment. Per ezempju fil-kontroezami jghid li "ghaqdet" wara li l-imputat ta daqqa lil Charlot u li qabel missieru kull m'ghamel kien li "thaddet"; il-filmat mehud mic-CCTV camera li hemm fil-garaxxijiet turi li missieru mhux biss prova johrog ghall-imputat u l-membri l-ohra tal-familja Falzon li kienu barra l-garaxxijiet kemm il-darba imma anke ghamel minn kollox biex jirrezisti lill-pulizija li pruvaw inutilment li jwaqqfuh milli johrog ghal huh l-imputat. In oltre is-sitwazzjoni "ghaqdet" propju ghax George u Charlot Falzon irnexxielhom jaharbu lill-pulizija u hargu jaggredixxu lill-imputat u lil ibnu u kien bhala rizultat ta' dan li  Charlot Falon spicca imwegga u mhux bil-kontra.

Illi fattur iehor li huwa relevanti ferm ghar-rizoluzzjoni tal-kwistjoni dwar x'kellu f-idejh l-imputat huwa r-rapport redatt minn PS Romano Godano, F'dan ir-rapport, konfermat b'gurament minnu, l-imsemmi surgent fid-deskrizzjoni tieghu ta'l-incident (kif distint mir-rakkont ta' dak li qalulu l-partijiet) jghid li "*Charlot prova jhebb ghal Manuel b'balavostra ta'l-injam u Manuel tbaxxa u tah daqqa ta' ponn f'genbu u* ***f'idu kellu xi cwievet***[1] *li kien qed jilghab bihom ftit qabel*".

---

[1]Sottolineatr tal-Qorti.

Illi peress li Charlot Falzon mill-ewwel beda jallega li zijuh, l-imputat, kien tah daqqa ta’ sikkina, il-pulizija dak il-hin stess ta’ l-incident ghamlu tfixxija mhux biss fuq il-persuna ta’l-imputat imma anke fil-vininazi tal-post ta’l-incident u ma stabet l-ebda sikkina jew strument li jaqta u bil-ponta. Dan huwa fattur importanti hafna partikolarment meta wiehed iqis li meta sehh dan il-fatt il-pulizija kienu gia fuq il-post u raw kollox isehh.

Illi tenut kont ta’ dawn il-fatturi kollha l-Qorti hija tal-fehma li m’hemmx provi sufficjenti, u cioe ‘l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat kellu xi mus jew strument simili f’idejh.

Ikkunsidrat

Illi ai termini tac-citazzjoni l-imputat qed jigi addebitat bis-segwenti reati:

- Hebb u attentat ta’ ferita gravi;
- Hebb u ferita hafifa bi strument li jaqta u bil-ponta;
- Pussess ta’ strument li jaqta u bil-ponta minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;
- Ksur tal-paci pubblika;

Illi f’dan l-istadju ghandu jigi rilevat li hemm divergenzi bejn ir-reati prospettati f’l-artikoli kwotati fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali u dawk elenkati fic-citazzjoni.

Illi dwar in-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali u l-mod kif din in-nota tiddefinixxi jew tirridimensjona l-imputazzjonijiet fil-konfront ta’ persuna imputata, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali esprimiet ruhha hekk:

*Meta, …., ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta’ kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta’ l-att ta’ akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta’ rinviju ghall-*

*gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involu f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat.*[2]

Illi ghalhekk huwa car li l-Qorti tista tippronunzja ruhha biss fuq dawk l-imputazzjonijiet elenkati fic-citazzjoni u li huma inkluzi ukoll fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju.

Ikkunisdrat

Illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma (1) hebb u attentat ta' ferita gravi bi strument li jaqta u bil-ponta, l-artikolu relevanti kwotati mill-Avukat Generali huma 41(1)(a), 214, 216, 217, 218 u 222 tal-Kapitolu 9; u (2) dik ta' ferita hafifa bi strument li jaqta u bil-ponta, l-artikoli relevanti kwotati mill-Avukat Generali huma 221 u 222 tal-Kapitolu 9.

Illi dwar it-tentattiv ta' offiza ta' natura gravi jew gravissima kien hemm zmien meta kien hemm opinjonijiet kunfliggenti dwar jekk jistax jissusti dan ir-reat, tant l-Professur Mamo ghid li:

*the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.*

Illi pero hu jirrizolvi din il-kwostjoni tant li jkompli jghid li:

---

[2] Ref Il-Pulizija vs Michael Carter deciza 7 ta' Jannar 2001.

*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo.*

Illi dan l-istess principju gie riaffermat fil-Qrati taghna tant li l-Qorti ta'l-Appell Kriminali wara li tikwota awturi Taljani tghallem

*… jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz.*[3]

Illi fil-kaz in ezami dak li gie pruvat hu li Charlot Falzon kien ser jagredixxi lil Neville Falzon billi jaghtih daqqa ta' balvostra ta'l-injam fuq rasu. L-imputat meta ra hekk irreagixxa billi ta daqqa lil Charlot Falzon u jidher li ghamiltu ticrita ta' tlett centimentri bic-cwievet li kellu f'idejh; din it-ticrita giet certifikata bhala wahda ta' natura hafifa.

Illi mill-provi prodotti, u partikolarment minn dak li qal l-imputat stess, l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-imputat kellu l-intenzjoni li jikkawza hsara lil Charlot biex b'hekk iwaqqfu milli jagredixxi lil ibnu Neville; pero minn dawn il-provi difficilment wiehed jista' jislet xi intenzjoni specifika da parti ta' l-imputat li jikkawza xi wiehed jew aktar mill-effetti elenkati f'l-artikoli 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk fil-fehma taghha l-Qorti tista ssib lill-imputat hati biss tat-tieni imputazzjoni u cioe offiza ta' natura gravi ai termini ta'l-artikolu 221(1) minghajr l-ebda wiehed mill-

[3] Ref Repubblika vs Domenic Briffa deciza 16/10/2003.

aggravju elenkati f'dan l-artikolu u f'-artikolu 222 hlif ghal dak imsemmi f'l-artikolu 202(h)(vii) b'applikazzjoni ta'l-artikolu 222(1)(a), aggravju li jirreferi ghal offiza ikkawzata fuq persuna impartenata konsangwinament.

Ikkunisdrat

Illi t-tielet imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni tghid hekk:

*U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellha fil-pussess tieghu arma li taqta u bil-pont minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.*

Illi mit-terminologija uzata huwa car li r-reat li peremzz ta' din l-imputazzjoni qed jigi addebietat lill-imputat huwa dak ravvizat f'k-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

*Salvi d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju*

Illi pero l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 mhux kwotat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju; hemm kwotati l-artikoli 3, 4, 5, 41, 51, 55(a), 56, 57, 60 u 61 pero mhux l-artikolu 6.

Illi l-artikoli kwotati mill-Avukat Generali jipprospettaw reati separati u distiniti minn dak addebietat lill-imputat fic-citazzjoni, ghalhekk, u irrispettivament mill-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom din il-Qorti dwar x'kellu f'idejh l-imputat fil-hin ta'l-incident hija necessarjament ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri, sia tat-tielet imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni u sia ta'l-imputazzjonijiet fil-paragrafi (c) u (d) tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali.

Ikkunsdrat

Illi permezz tar-raba imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bil-kontravvenzjoni dwar ksur tal-paci puibbliku, reat ravvizat f'l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi la darba l-imputat ippartecipa fil-glied provokat mill-familjari tieghu, liema glied certament kiser il-paci pubblika, huwa ghandu jinstab hati ta' din l-imputazzjoni ukoll.

Ikkunisdrat
Illi peremzz tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali hemm reat iehor addebietat lill-imputat, dak kontemplat f'l-artikoli 339(1)(c).

Illi minbarra l-fatt li l-fatti tal-kaz odjern b'l-ebda mod ma jinkwadraw ruhhom f'dan ir-reat, la darba ma giex inkluz fic-citazzjoni l-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konizjizzjonio ulterjuri tieghu.

Ikkunsidart

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi li wasslu ghall-incident u l-provokazzjoni tal-parte leza stess, il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ukoll ta'l-imputazzjonijiet naxxenti mill-paragrafi (c) u (d) tan-nota ta' rinviju ghal-gudizzju ta'l-Avukat Generali u ta' l-imputazzjoni naxxenti mill-paragrafu (d) ta'l-istess nota in kwantu dan jirreferi ghar-reat prospettat f'l-artikolu 339(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u filwaqt li ma ssibux hati ta'l-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha; wara li rat l-artikoli 202(h)(vii), 221(1)(a), 222(1)(a), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tieni u tar-raba imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward tat-tieni imputazzjoni mhux qed jinstab hati ta'l-aggravju nexxenti

mill-artikolu 217 tal-Kapitolu 9 minn liema aggravju qed jigi liberat, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputa fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------